MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 1206/2013

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Numru 1857/13 fl-ismijiet:

Karmena **CALLUS**, Josephine *sive* Joyce Fenech Borġ, Josephine Cassar, John Merċieca, Philip *sive* Pinu Merċieca f’ismu proprju u f’isem l-assenti Peter Merċieca, Saviour Farruġia u Josephine Mifsud

vs

Dione **CASSAR** u Charmaine Falzon

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutata Charmaine Falzon (aktar ’il quddiem imsejħa “l-eżekutata”) fid-19 ta’ Diċembru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li (i) din il-Qorti tħassar il-Mandat ta’ Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-istess Kodiċi; (ii) tikkundanna lil-intimati eżekutanti biex iħallsuha penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi minbarra d-danni maħsuba fl-artikolu 836(9) tiegħu; u (iii) f’każ li l-Qorti ma ssibx li għandha tilqa’ l-ewwel talba, torbot lill-istess eżekutanti biex iressqu garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-eżekutata ġarrbet bil-ħruġ tal-Mandat, u biex fil-każ li l-imsemmija intimati eżekutanti jonqsu li jressqu l-garanzija fiż-żmien lilhom mogħti, jitħassru l-effetti kollha tal-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta’ Diċembru, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutata;

Rat in-Nota mressqa mill-intimati eżekutanti kollha (aktar ’il quddiem imsejħin “l-eżekutanti”) fil-15 ta’ Jannar, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm minnhom imsemmijin qalu li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex it-talbiet tal-eżekutata jmisshom jintlaqgħu u dan għaliex jisħqu li kellhom kull jedd, fil-kwalita’ tagħhom ta’ werrieta ta’ Spiridione Fenech, li jitolbu l-ħruġ tal-Mandat b’ħarsien tar-rabta tal-eżekutata (solidalment flimkien ma’ ħaddieħor) għall-ħlas tad-dejn li hija kellha mal-istess Spiro Fenech. Jiċħdu li jmisshom iħallsuha xi penali u li għandon jagħmlu tajjeb lejha bil-ħruġ ta’ xi garanzija min-naħa tagħhom kif talbet l-eżekutata;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta għat-tħassir ta’ Mandat kawtelatorju. Minbarra dan, l-eżekutata qiegħda titlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutanti intimati biex iħallsu penali skond l-artikolu 836(8) u, f’każ li l-Qorti ma tilqax it-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat imsemmi, li l-istess eżekutanti jkunu marbuta li jagħtu garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A, u, f’każ li jonqsu li jagħmlu dan fiż-żmien mogħti lilhom, il-Qorti għandha tordna li l-Mandat jitħassar;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li l-eżekutata u wieħed Dione Cassar (li kontrih ukoll inħareġ il-Mandat) kienu sselfu flus *brevi manu* mingħand wieħed Spiridione Fenech u b’kitba privata magħmula f’Jannar tal-2011[1], kienu iddikjaraw li t-tnejn flimkien kienu midjunin lejh solidalment fis-somma ta’ dsatax-il elf tmien mija u żewġ euro u wieħed u disgħin ċenteżmi (€ 19,802.91) u ftiehmu li jħallsuh lura dik is-somma f’rati ta’ mija w sittin euro (€ 160) l-waħda kull xahar. Fenech, li kien għażeb, miet ix-xahar ta’ wara li saret l-imsemmija kitba u l-eżekutanti huma l-werrieta maħtura minnu fit-testment tiegħu tat-18 ta’ Mejju tal-2009[2]. L-imsemmi Dione Cassar jiġi iben waħda min-neputijiet ta’ Spiridione Fenech, Frances Cassar li hija waħda mill-werrieta tiegħu, imma ma kenitx fost dawk li ħarġu l-mandat mertu ta’ din il-proċedura[3];

Illi fil-11 ta’ Mejju tal-2012, l-eżekutata biegħet u ittrasferiet lil Dione Cassar (u persuna oħra) sehemha ta’ nofs mhux maqsum tal-appartament numru tnejn (2) li jagħmel minn binja bl-isem ta’ “*Saint Catherine Flats*” fi Triq id-Dwiemes (ġja’ Triq ix-Xejba) fiż-Żejtun, taħt il-patti u l-kundizzjonijiet miftehma f’att nutarili pubbliku[4]. Fost dawk il-

---

[1] Dok “KC1”, f’paġġ. 15 – 6 tal-atti
[2] Dok “KC2”, f’paġġ. 17 – 9 tal-atti
[3] Fil-fatt, minn fost il-werrieta kollha maħtura minn Spiro Fenech fit-testment tiegħu, kienu biss Frances Cassar (omm l-intimat eżekutat Dione) u oħtha Pina (Filippa) Bonniċi li ma talbux il-ħruġ tal-Mandat
[4] Dok “B”, f’paġġ. 2 – 8 tal-atti

kundizzjonijiet kien hemm dik li l-eżekutata ma kienet qiegħda tirċievi xejn mill-konsiderazzjoni tal-prezz ta' ħamsa u erbgħin elf euro (€ 45,000) li kien il-prezz tal-bejgħ minnha ta' dak is-sehem, iżda hija kienet "*being liberated from any obligations in connection with the said property*" li kien ser jidħol jagħmel tajjeb għalihom ix-xerrej Dione Cassar;

Illi dak inhar ukoll, saret kitba privata[5] bejn Frances Cassar, Filippa Bonniċi u l-eżekutanti Josephine Mifsud u Karmena Callus min-naħa l-waħda u bejn l-eżekutata u Dione Cassar min-naħa l-oħra, li biha qablu li kull obbligu li ntrabtet bih l-eżekutata fil-kitba ta' Jannar 2011 ma' Spiridione Fenech tgħaddi fuq Dione Cassar u li l-eżekutata "tiġi rilaxxata minn kwalunkwe obbligu" fir-rigward ta' dak id-dejn jew dak li kien għad fadal minnu;

Illi fis-6 ta' Diċembru, 2013, l-eżekutanti talbu w kisbu l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutata u kontra Dione Cassar għas-somma ta' tlettax-il elf erba' mija u tmintax-il euro u tlieta u ħamsin ċenteżmi (€13,418.53) b'ħarsien tal-pretensjoni "ta' sehem l-esponenti mill-bilanċ tas-self mogħti lis-sekwestrati minn Spiridione Fenech" fil-kitba li kienet saret f'Jannar tal-2011. Il-Mandat inħareġ lil ħames sekwestratarji, erbgħa minnhom banek kummerċjali, li laqgħu n-notifika dak inhar li nħareġ il-Mandat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet, liema kawża l-eżekutanti fetħu quddiem din il-Qorti kif presjeduta[6]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

[5] Dok "A", f'paġ. 9 tal-atti
[6] Rik. Nru. 48/14JRM fil-21.1.2014

Illi l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma’ eżami x’aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b’mod abbużiv[7];

Illi f’dan il-każ ir-rikorrenti eżekutata ssejjes it-talbiet tagħha fuq żewġ (2) kawżali:

A) <u>L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Dan huwa l-argument ewlieni li l-eżekutata tistrieħ fuqu biex titlob it-tħassir tal-Mandat. L-eżekutata tisħaq li bis-saħħa tal-kitba li saret fil-11 ta’ Mejju, 2012, kienet inħelset minn kull rabta għall-ħlas lura ta’ xi somom lill-eżekutanti u li bis-saħħa tal-istess kitba kien l-intimat l-ieħor – Dione Cassar – li tgħabba bid-dmir li jħallas kull dejn li sata’ kien għadu dovut. Dan ifisser li l-eżekutata tistrieħ fuq il-kawżali li l-pretensjoni tal-eżekutanti kontriha mhijiex *prima facie* mistħoqqa;

Illi, min-naħa tagħhom, l-eżekutanti jgħidu li r-rabta li l-eżekutata u Dione Cassar kienu daħlu għaliha ma’ l-awtur tagħhom Spiridione Fenech f’Jannar tal-2011 kienet waħda solidali u għas-somma sħiħa u l-eżekutata ma setgħetx taqbad u tinħall minnha minn rajha. Bħala werrieta ta’ l-istess Spiridione Fenech, l-eżekutanti intimati jisħqu li dik ir-rabta oriġinali baqgħet fis-seħħ minkejja l-kitba li saret bejn l-eżekutata, Dione Cassar u wħud mill-eżekutanti. Biex dik ir-rabta taqa’ kien meħtieġ li kull wieħed u waħda mill-werrieta ta’ Spiridione Fenech jirrinunzja għall-pretensjonijiet tiegħu/tagħha fil-konfront tal-eżekutata;

---

[7] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

Illi l-eżekutanti jżidu jgħidu li mqar huma kellhom ilkoll jeħilsu lill-eżekutata mir-rabta tas-solidarjeta' tagħha ma' Dione Cassar fid-dejn miftiehem, l-eżekutata xorta waħda tibqa' marbuta tħallashom sehemha jekk kemm-il darba Cassar isir mhux solvibbli[8];

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimati eżekutanti għandhomx bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslux biex "jillikwidaw" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnhom maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[9];

Illi filwaqt li huwa minnu li tnejn mill-persuni li talbu l-ħruġ tal-Mandat – Carmen Callus u oħtha Josephine Mifsud (li jiġu zijiet ta' l-eżekutat Dione Cassar – tabilħaqq daħlu f'kitba li biha ħelsu lill-eżekutata mir-rabtiet li hija kienet daħlet għalihom ma' Spiro Fenech, dan ma jfissirx li l-pretensjonijiet tal-eżekutanti mhumiex b'hekk biss *prima facie* mhux ġustifikati. Dan il-fatt ma jwassalx biex il-Mandat jitħassar, ukoll għaliex inħareġ kontra persuna oħra li wkoll kienet intrabtet għall-ħlas tad-dejn. L-istess ħaġa tingħad dwar dawk minn fost l-eżekutanti li ma ħadux sehem fil-kitba li saret f'Mejju tal-2012;

Illi jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tidħol biex teħles lill-eżekutata mir-rabta tal-Mandat f'dan l-istadju, dan tkun tista' tagħmlu biss fir-rigward ta' dawk biss minn fost l-eżekutanti li kienu dehru fuq il-kitba tal-11 ta' Mejju, 2012 (billi dwar l-eżekutanti l-oħrajn dik il-kitba kienet *res inter*

---

[8] Art. 1108 tal-Kap 16
[9] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

*alios acta*) u jekk kemm-il darba tinvesti l-kwestjoni fil-mertu. Kif ingħad qabel, dan ma jistax isir fi proċedura bħal din. U billi r-rikors jitlob it-tħassir tal-Mandat (bla ma jiddistingwi favur min u fil-konfront ta' min) u mhux it-tnaqqis tiegħu, din it-talba ma tistax tintlaqa' żgur;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li ngħatatilha raġuni tajba biżżejjed biex tilqa' l-ewwel talba tal-eżekutata fuq din il-kawżali;

B) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena fuq dak li l-eżekutata semmiet aktar qabel, jiġifieri li l-eżekutanti ma kellhomx lanqas mad-daqqa t'għajn xi jedd li jitolbu l-ħruġ tal-Mandat;

Illi din il-Qorti diġa' waslet għall-fehma li l-eżekutanti wrew li għandhom raġuni tajba mad-daqqa ta' għajn għaliex ressqu l-pretensjoni tagħhom għall-ħlas li għadu ma sarx. Wrew ukoll li, fir-rabta li saret f'Jannar tal-2011, l-eżekutata kienet għarfet li hi (u Dione Cassar) kienet debitriċi f'somma ċerta u likwida;

Illi minbarra dan jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx raġun fil-pretensjonijiet dedotti minnhom kontra l-eżekutata, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[10]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;

[10] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[11]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi l-eżekutata naqset milli turi li r-raġuni ewlenija li ġġib 'il quddiem taħt din il-kawżali kienet raġuni li tnisslet **wara** li nħareġ il-Mandat. Għall-kuntrarju, hija tibni l-każ tagħha kollu fuq il-kitba li saret f'Mejju tal-2012, jiġifieri ċirkostanza li kienet ilha sseħħ għal aktar minn sena **qabel** il-ħruġ tal-Mandat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrenti eżekutata lanqas taħt din il-kawżali ma seħħilha tagħtiha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar;

Illi r-rikorrenti eżekutata talbet ukoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talbet l-ewwelnett il-kundanna tal-istess intimati eżekutanti, jew min minnhom, għall-ħlas ta' penali[12] (li magħha żiedet ukoll it-talba għall-kundanna għad-danni maħsuba fl-artikolu 836(9) tal-Kap 12); u talbet ukoll it-tqegħid min-naħa tal-intimati eżekutanti, jew min minnhom, ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti tista' turi li sejra ġġarrab minħabba l-Mandat[13]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

[11] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***
[12] Taħt l-art. 836(8)(d) tal-Kap 12
[13] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12

Illi, fl-ewwel lok, dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[14]. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[15]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż. F'dan il-każ, ir-rikorrenti tistrieħ fuq iċ-ċirkostanza msemmija fl-artikolu 836(8)(d) meta tgħid li l-Mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv;

Illi l-Qorti ma ssibx li jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt il-kawżali msemmija. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimati eżekutanti kellhom u għad għandhom (ladarba l-kawża għadha miexja) raġunijiet tajbin biżżejjed biex talbu l-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrenti;

Illi huwa minnu li tnejn mill-istess eżekutanti – jiġifieri Karmena Callus u Josephine Mifsud – kienu ffirmaw kitba li biha ħelsu lill-eżekutata mill-ħlas tad-dejn u minn kull responsabbilta' dwarha. Iżda dan ma jistax jingħad ukoll fil-każ tal-eżekutanti l-oħrajn. Fir-rigward tal-eżekutanti

[14] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[15] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***

Callus u Mifsud, madankollu, lanqas jista’ jingħad li t-talba tagħhom flimkien mal-eżekutanti l-oħrajn tista’ minnha nfisha titqies bħala talba fiergħa jew magħmula b’ħażen, ladarba kif ingħad qabel r-rabta ta’ debitur *in solidum* ma tintemmx għal kollox jekk kemm-il darba d-debitur l-ieħor ma jibqax solvibbli;

Illi għalhekk il-Qorti, f’dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa’ magħmula iżjed ’il fuq ma jirriżultawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi l-kundanna għall-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[16]. F’dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[17];

Illi dwar il-kwestjoni tal-kundanna għall-ħlas tad-danni, l-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa’ bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista’ ssir biss b’azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta’ Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta’ rikors għat-tħassir ta’ Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal “ċitazzjoni”. Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-“rikors” li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m’għandu x’jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutati f’dan il-każ;

Illi l-Qorti ssaħħaħ din il-fehma tagħha minħabba l-fatt ukoll li l-proċedura għat-tħassir tal-Mandat hija waħda li timxi fuq il-kejl tal-*prima facie* u dan ifisser li mhijiex proċedura maħsuba li ttul biex isir stħarriġ ukoll tad-dannu mġarrab mill-parti eżekutata. Dan qiegħed jingħad ukoll lil hinn mill-fatt li, fil-każ tallum, l-eżekutata ma ressqet l-ebda prova (kif kien jaqa’ fuqha li tagħmel) dwar x’għamla

---

[16] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

[17] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

u x'ammont ta' dannu hija ġarrbet minħabba l-ħruġ kontriha tal-Mandat;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba tal-eżekutata safejn immirata għall-kundanna tad-danni taħt l-artikolu 836(9) hija irritwali għall-finijiet tal-artikolu 164(1) tal-istess Kodiċi;

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimati eżekutanti, f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti eżekutata ma ssemmi l-ebda raġuni speċifika għaliex qiegħda titlob dan ir-rimedju. Hija torbotha biss mal-fatt li jekk kemm-il darba t-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax, allura l-eżekutanti, jew min minnhom, imisshom jagħmlu tajjeb għad-danni li hija sejra ġġarrab kemm idum fis-seħħ il-Mandat;

Illi, min-naħa tagħhom, l-eżekutanti jiċħdu li hemm raġuni tajba għaliex il-Qorti jmissha torbothom bl-għoti tal-garanzija mitluba, iżjed u iżjed meta kulma għamlu kien li jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom kontra d-debituri tal-awtur tagħhom;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[18]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[19], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn

[18] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[19] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[20] minħabba l-istess Mandat;

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li f'dan il-każ ma ntwera li hemm l-ebda raġuni ġusta li twassalha biex torbot lill-eżekutanti, jew lil xiħadd partikolari minn fosthom, biex iressqu l-garanzija mitluba mir-rikorrenti eżekutata;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutata Charmaine Falzon billi:

**Tiċħad it-talbiet** tagħha għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, billi ma ngħatat l-ebda raġuni tajba għaliex il-Qorti jmissha tħassar il-Mandat u billi lanqas jeżistu l-elementi biex timponi s-sanzjonijiet l-oħrajn mitlubin minnha kontra l-eżekutanti jew xiħadd minnhom; u

**Tordna** li r-rikorrenti eżekutata **tħallas l-ispejjeż** ta' din il-proċedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[20] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***